**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Josric Mifsud]**

**vs**

**Brian Portelli**

**Kumpilazzjoni Numru: 316/12**

**Illum, 7 ta' Marzu, 2016**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Brian Portelli detentur tal-karta tal-identita` numru 97982(M).

Akkuzat talli nhar it-12 ta' Marzu 2012, u xhur ta' qabel gewwa l-Gharghur, u f'inhawi differenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti anke jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) Talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe` minn licenzja tal-windscreen bin-numru serjali H240598, ta' vettura Volkswagen Polo bin-numru tar-registrazzjoni CLT018 imwahhla fuq vettura tal-ghamla Renault Megan bin-numru tar-registrazzjoni MEG160 u dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura meta ma kienx kopert b'polza tal-assigurazzjoni ghal riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Ukoll talli fl-istess data, hin u cirkostanzi minghajr ma kellu licenzja ta-sewqan mill-Pulizija jew mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta jew minghajr licenzja tas-sewqan specifikata ghal dik il-vettura, saq

din il-vettura bla numru tar-registrazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta; u

d) Fl-ahhar talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi mohgtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz in-nota tal-Avukat Generali fejn taw il-kunsens taghhom sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Illi l-mertu ta' dina l-kawza hija illi meta kien hemm pulizija fuq *partol* fi Triq Gargallo, Ghargur nhar it-tnax (12) ta' Marzu 2012, lemah karrozza pparkjata tat-tip Renault Megan bin-numru ta' registrazzjoni MEG 160 li kellha l-licenzja li titwahhal fuq il-*windscreen* li ma kienitx tappartjeni lilha izda lil karozza tat-tip Volkswagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni CLT 018. Din l-ewwel karrozza rrizulta illi tappartjeni lil certu Anthony Portelli li jigi missier l-imputat odjern.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi anke fuq ammissjoni tal-imputat stess fl-istqarrija tieghu, huwa kien pogga l-licenzja li titwahhal fuq il-*windscreen* tal-karozza tal-ex tfajla tieghu fuq din ir-Renault Megan li kien qed juza' hu dik l-ahhar sena. Illi l-identitajiet tal-karrozzi gew maghmula minn Stephen Cachia u minn Brian Farrugia li xehdu fuq dawn iz-zewg karrozzi min-naha tat-Transport Malta.

Illi pero` minn imkien ma ngabet il-prova li din il-licenzja kienet b'xi mod falza jew li l-imputat kellu xi involviment fil-falsifikazzjoni ta' din il-licenzja.

Illi ulterjorment ma ngabitx il-prova illi din il-karrozza ma kienitx koperta minn polza ta' assigurazzjoni jew li din ma kellhiex licenzja valida jew li ma kienitx imgedda. Fil-fatt ir-rapprezentanti tat-Transport Malta xehdu biss fuq il-proprjeta` ta' dawn il-karrozzi u bl-ebda mod ma ngabet il-prova tal-validita` tal-licenzja jew tal-assigurazzjoni tal-karrozza Renault Megan.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti thoss illi dawn l-akkuzi ma gewx ippruvati u konsegwentement tillibera lill-imputat Brian Portelli minn kull akkuzi migjuba kontrih.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**